Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 262/11 (JE).

Josef Attard u Joanne Attard

vs

Best Deals International Ltd.

Illum, 27 ta' Frar 2012.

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Josef Attard u ta' Joanne Attard tal-1 ta' Ġunju 2011 fejn stqarru illi fl-2007 xtraw sufan 3 seater bir-recliner u pultruna 1 seater ta' kulur "off white" mingħand is-soċjetà intimata bil-prezz ta' € 941.75, f'liema sufan biż-żmien bdew jidhru ħafna difetti, liema difetti ma ġewx rimedjati minkejja bosta tentattivi da parti tas-soċjetà intimata u minkejja illi għadda bosta żmien.

Ra illi s-soċjetà ntimata minkejja illi kienet debitament notifikata, ma daħlietx risposta u kienet kontumaċi.

Sema' l-provi tar-rikorrenti.

Ikkunsidra.

Illi fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, jidher illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ġustifikati. Dana aktar u aktar meta s-soċjetà intimata offriet illi tbiddel is-sufan in kwistjoni, liema tibdil ma sarx minħabba illi r-rikorrenti ntalbu jħallsu aktar għall-mudell inferjuri li kienu għażlu minn dak li diġa kellhom.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna r-rifużjoni tas-somma ta' disa' mija wieħed u erbgħin euro 75 ċenteżmu (€ 941.75) imħallsa mir-rikorrenti għall-għamara in kwistjoni bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-avviż b'dana illi r-rikorrenti jkunu obbligati jirritornaw is-sufan u l-pultruna in kwistjoni lis-soċjetà intimata.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.